NSW Health

Maltese

# COVID-19
# Bidla fis-Self Isolation (kif tiżola lilek innifsek)

## M'għandekx għalfejn tiżola lilek innifsek jekk tittestja pożittiv għal COVID-19 iżda huwa rakkomandat li tibqa' d-dar sakemm is-sintomi qawwija tiegħek (imnieħer inixxi, uġigħ fil-griżmejn, sogħla u deni) ikunu għaddew.

Jekk ikollok titlaq mid-dar:

- ilbes maskra meta tkun ġewwa u fuq it-trasport pubbliku
- evita ġemgħat kbar u postijiet iffullati fuq ġewwa
- iżżurx nies f'riskju għoli ta' mard sever, lil xi ħadd fi sptar, jew faċilità tal-kura tal-anzjani jew tad-diżabilità, għal mill-inqas 7 ijiem
- tkellem ma' min iħaddmek dwar meta għandek tirritorna fuq il-post tax-xogħol.

Jekk għandek sintomi ta' riħ jew influwenza, jekk jogħġbok oqgħod id-dar u agħmel it-test. Jekk int eliġibbli għal mediċini antivirali tal-COVID-19, huwa importanti li t-test isir hekk kif tiżviluppa s-sintomi. Anke jekk ikollok it-test tal-COVID-19 jirriżulta negattiv, oqgħod id-dar waqt li tkun għadek ma tiflaħx, sabiex ma tinfettax lill-maħbubin u lill-komunità tiegħek.

Għalkemm m'għadux obbligatorju li tirreġistra test ta' antiġenu rapidu pożittiv, NSW Health titlob li n-nies jirreġistraw ir-riżultati tagħhom ma' Service NSW peress li r-reġistrazzjoni tista' tgħinek taċċessa għajnuna tas-saħħa u appoġġ ieħor.

**Jekk għandek xi tħassib dwar is-saħħa u teħtieġ appoġġ lingwistiku, ċempel lis-Servizz tat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni (TIS) fuq 131450 u staqsi għal Healthdirect fuq 1800 022 222.**



October 2022 © NSW Health. SHPN (COHS) 220923